**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Giuseppe Galea u Anthony u Pauline Formosa

vs

Christopher Deguara

CCT 136/19/MM

Illum, 14 ta' Frar, 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-22 ta' Frar 2018 fejn talab is-somma ta' elf u mitejn Ewro (€ 1,200), prezz ta' *hearing aid* mixtrija mingħand l-intimat nhar id-19 ta' Ġunju 2018 u dan wara li allegatament l-istess *hearing aid* hija difettuża minħabba li ma kienetx qegħda taħdem.

Ra r-risposta ta' tal-intimat li permezz tagħha eċċepixxa illi l-ħsara qegħda ssir minħabba penetrazzjoni ta' xama; u nuqqas ta' manutenzjoni kif indikat u spjegat f'punt 8 fejn jikkonferma li l-għażla ta' tip ta' *hearing aid* kien kontra r-rikomandazzjoni ta' l-istess Christopher Deguara.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti xtara *hearing aid* mingħand l-intimat. Jgħid ukoll li l-intimat issuġġerixxa waħda ta' wara l-widna pero' mistoqsi jekk kellux waħda ta' ġol-widna huwa kkonferma fl-affermattiv.

L-intimat jispjega illi huwa kien irrakommanda li r-rikorrenti jagħmel *hearing aid* ta' wara l-widnejn anki minħabba x-xama' u peress li hija żgħira. Ir-rikorrenti xorta għażel li jieħu ta' ġol-widna.

Ikkunsidra

Illi fil-każ odjern dan it-Tribunal għandu jara fl-ewwel lok jekk il-*hearing aid* in kwistjoni hijiex verament difettuża jew inkella hijiex sempliċiment kwistjoni ta'

nuqqas ta' manutenzjoni mir-rikorrenti, fliema każ ma jaħtix l-intimat minħabba nuqqas ta' kura tar-rikorrenti.

Illi jirriżlta mill-atti u mid-dokumentazzjoni prodotta illi l-intimat kien irrakkomanda li huwa jixtri *hearing aid* ta' wara l-widnejn u dan għaliex din fiha inqas xogħol ta' manutenzjoni sabiex iżżommha u tieħu ħsiebha.

Illi iktar minn hekk din l-istess *hearing aid* irriżulta li kienet taħdem iżda tieqaf biss wara li ma jkunx sar il-bdil tal-filter b'mod regolari u dan jiddependi mill-individwu partikolari u kemm widnejh tipproduċi xama'.

Ex admissis Anthony Formosa, f'isem ir-rikorrenti fl-ewwel seduta jammetti illi:

''*Ir-raba' darba li ġrat għidtlu li ħa nċempillu u għamilna appuntament ġewwa Ħal Tarxien. Għidnielu biex inbiddlu il-hearing aid u nagħmluha ta' wara il-widna għax qatt ma kien ġie spjegat li din it-tip ta' hearing aid trid iktar spejjes biex iżżommha.*''

Illi jidher li l-*hearing aid* ma kellha xejn ħażin iżda kien effettivament kif jinsisti l-intimat u ċioe li l-ħsara li qed issofri minnha l-*hearing aid* hija riżultat tan-nuqqas ta' manutenzjoni min-naħa tar-rikorrenti. Illi l-intimat ppreżenta żewġ service reports li jikkonfermaw li l-*hearing aid* kienet qed tahdem tajjeb. Illi minn naha tieghu l-attur naqas li jippreżenta xi xhieda teknika jew xi rapport ta' xi espert sabiex jikkontradixxli l-evidenza preżentata mill-intimata.

Illi ghahekk dan it-Tribunal ma huwiex konvint illi l-intimat naqas li jinfurma lir-rikorrenti li t-tip ta' *hearing aid* li għażel hu kellha bżonn iktar manutenzjoni dan meta hemm ammissjoni li l-intimat dejjem insista magħhom sabiex ir-rikorrenti jagħżel *hearing aid* ta' wara l-widna. Fuq kollox hemm evidenza li turi li l-*hearing aid* kienet qed tahdem tajjeb u l-problemi li rriżultaw fiha kienu dovuti ghal nuqqas ta' bdil tal-filter b'mod regolari li kellu jikkorrispondi mill-individwu partikolari u kemm widnejh tipproduċi xama'.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż konta r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru